# IL-BANK DINJI U L-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI



## L-importanza ta' dawn il-laqgħat annwali

**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*




**Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna preżenti għal-laqgħa tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) għall-2018 f'Bali, l-Indoneżja**

Għal darbtejn fis-sena, nattendi l-laqgħat tal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji (WB). Din id-darba, kien hemm ukoll il-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi tal-pajjiżi tal-Commonwealth. Dawn il-laqgħat saru fil-gżira tal-Indoneżja, ġewwa Bali.

Għalkemm dawn il-laqgħat saru ftit tal-jiem wara li sar terremot f'waħda mill-gżejjer qrib ta' Bali u li huma parti mill-arċipelagu tal-Indoneżja, xorta waħda kien hemm attendenza ferm tajba mill-pajjiżi kollha tad-dinja. Forsi wieħed jistaqsi: Imma x'inhi l-importanza li Malta tkun parteċipanta f'fora internazzjonali bħal dawn? Dawn il-laqgħat iservu biex fi żmien qasir, wieħed jiltaqa' ma' diversi Ministri għall-Finanzi ta' pajjiżi oħra fejn fil-laqgħat ikun hemm skambju mhux biss ta' diversi temi li jolqtu l-pajjiżi ta' ċerti reġjuni jew il-pajjiżi kollha, iżda anki wieħed ikollu ċ-ċans jispjega dak li fir-realtà jkun qed jiġri u jseħħ ġewwa pajjiżu.

Avveniment bħal dan jagħtik ukoll l-opportunità li jkollok laqgħat mal-aġenziji internazzjonali li minn żmien għall-ieħor, joħorġu rapporti fuq l-andament u l-prospetti ta' pajjiżek – qed nirreferi għall-*Credit Rating Agencies*.

Imbagħad ikun hemm dawk il-laqgħat speċifiċi li jkunu ġew mitluba minn xi organizzazzjoni internazzjonali jew xi istituzzjoni li tkun interessata li tinvesti f'pajjiżek.

Huma dawn l-opportunitajiet kollha li jagħmlu dan l-avveniment daqstant importanti li għalih jattendu ministri, gvernaturi u rappreżentanti għolja tas-settur finanzjarju minn kull rokna tad-dinja.

Fil-laqgħat li kelli, irrid ngħid li ħadd ma qagħad lura mill-kritika ħarxa lejn il-President Amerikan Donald Trump, għall-fatt li qed jagħmel ħerba minn dak imsejjaħ protezzjoniżmu, fejn l-Amerka bdiet tgħolli t-tariffi fuq l-importazzjoni lejn pajjiżha.

Wieħed jistenna li jekk l-Istati Uniti se tkompli żżid dawn it-tariffi, se ssir tpattija mill-pajjiżi l-oħra, u allura tista' tgħid li bdiet dik li hi msejħa bħala gwerra kummerċjali bejn l-Ewropa, iċ-Ċina u l-Amerka.

Fil-passat ġieli ġraw affarijiet simili li ħallew effetti negattivi fuq id-dinja, iżda llum qed nerġgħu narawha ssir quddiemna u qed naraw l-effetti negattivi tagħhom. U għalhekk il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji qed javżaw b'mod miftuħ u b'mod apert speċjalment fil-preżenza tal-ogħla uffiċjali tal-Gvern Amerikan, inkluż iċ-Ċermen tal-Bank Federali tar-Riserva. Fil-laqgħat iddiskutejna wkoll il-każ tal-Italja, fejn għandek Gvern li qed jisfida lill-Kummissjoni Ewropea u qed jgħidilha li ma jridx joqgħod għar-regoli tagħha għaliex jemmen li ċ-ċirkostanzi ta' pajjiżu qed jitolbu nfiq kbir.

Fl-Italja bħalissa hemm sitwazzjoni li l-Gvern qed imur għand l-istituzzjonijiet Ewropej biex isellfuh il-flus biex ikun jista' jwettaq il-wegħdiet elettorali tiegħu, u allura qed isellfuh b'rata ta' mgħaxx għolja, bi kważi 3% iżjed minn ċirkostanzi normali ta' pajjiż.

Dan il-każ huwa simili għal dak tal-Greċja, u għalhekk l-Ewropa ma tixtieqx li terġa' tgħaddi mill-kalvarju ta' diskussjonijiet, piki u kliem fil-vojt fuq l-Italja.

Madankollu jekk jerġa' jiġri l-istess il-problemi huma bil-wisq akbar hekk kif l-Italja hija ferm akbar mill-Greċja fejn dak iż-żmien aħna konna ħallasna 3% mill-ġid tal-Prodott Gross Nazzjonali. Il-figuri għall-Italja tant huma kbar li l-ebda pajjiż mhu lest li joħroġ. Fil-fatt il-gvernijiet ta' pajjiżi oħra qed jgħidu lill-Unjoni biex toqgħod attenta fuq il-passi li tieħu. Kulħadd qed jistenna li fil-waqt li jkun hemm flessibilità, ir-regoli qegħdin hemm biex jiġu osservati minn kulħadd.

Biex nagħlaq, irrid ngħid li l-konklużjonijiet li ħarġu minn dawn il-laqgħat ġewwa Bali, kienu diversi u ħafna minnhom kienu jikkonċernaw il-faqar u l-investiment li hu neċessarju biex ikompli jikber il-ġid madwar il-pajjiżi. Wieħed jittama li dan is-*Summit* iħalli l-ġid mixtieq.

## Possibbli dan jixraqlu jissejjaħ onorevoli?

Sur Editur,

Xbajna nisimgħu b'isem Karol Aquilina, għax kull darba li smajnieh, dan issemma biss bħala *ring leader*. Jew aħjar, bħala pružuntuż per eċċellenza. Ħlief b'rabta ma' attivitajiet vendikattivi u li jnisslu firda fost il-poplu, ismu ma' smajniehx.

L-ewwel darba li smajna b'ismu kien b'rabta malħidma li saret frott konfoffa fi ħdan il-PN biex jieħdu lill-Partit Laburista l-każin lokali li kellu fis-Siġġiewi.

Imbagħad rajnih kemm-il darba jidher bi prominenza fuq quddiemnett mal-fazzjoni Nazzjonalista ta' Simon Busutil fil-protesti, jew aħjar rewwixti, li saru ħdejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Hemmhekk innutajnieh jgħajjar lill-Kummissarju tal-Pulizija u lil membri oħra tal-Korp tal-Pulizija għax qalu li dawn naqsu milli jagħmlu dak li ċ-ċorma Nazzjonalista ppretendiet li jagħmlu. Kulħadd kellu l-okkażjoni jisma' l-kliem dispreġjattiv u xejn onorevoli li ntqal. Deher ukoll pružuntuż mhux ftit meta ħa l-inkarigu li jiġbor il-firem ta' sħabu l-membri parlamentari Nazzjonalisti f'attentat biex ikun irrikattat is-suppost kap leġittimu tiegħu u ta' sħabu, Dr Adrian Delia.

Issa reġa' wettaq każ ieħor miżerabbli fejn bħal donnu ried jitfa' dubji serji, anzi iħammeġ l-integrità tal-Ministru Chris Cardona għax sempliċiment kien hemm xi ħadd li qal li kien rah f'ħanut tax-xorb fis-Siġġiewi. Ħanut li anke hu, bħas-suppost kap tal-PN, ammettew li anke huma kienu jiffrekwentawh. Iżda għax kien hemm min qal li ra xi darba lill-Ministru Cardona f'dan il-ħanut, bħal donnu jrid jagħti l-impressjoni li b'xi mod dan kien involut fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Carol Aquilina jrid jitkellem fuq l-etika u l-*rule of law* meta huwa kien wieħed mill-prinċimess fil-kampanja li saret u li għadha għaddejja kontra Adrian Delia u l-fazzjoni li tappoġġjah fi ħdan il-Partit Nazzjonalista? Dan il-pružuntuż ma jridx jinsa' kif "seraq" siġġu parlamentari minn fuq Tas-Sliema. U jekk il-Mulej jislifni l-għomor, elezzjoni ġenerali oħra se jaqta' l-frott ta' għemilu. Għax kif jgħid il-Malti, dak li tiżra taħsad.

MANUEL,
il-Gżira

## Minn żmien l-Aragoniżi

Sur Editur,

Qatt kont taf li l-għieda għall-Ilsien Malti kienet saħnet fis-sena 1481 meta l-Maltin, bis-saħħa tal-Kunsill Ġenerali tal-Ġurati, kienu gergru mal-isqof għax l-arċipriet tal-katidral kien Sqalli u li lanqas kien jaf jitkellem jew jikteb bil-Malti?

Fi żmien l-Aragoniżi wkoll il-Maltin qatgħuha li fil-laqgħat tal-Consiglio Popolare setgħu jitħaddtu bil-Malti billi l-ġurati magħżula wieħed minn kull raħal, ma kinux jafu jitkellmu ħlief bil-Malti, ilsienhom. L-Aragoniżi damu f'Malta mis-sena 1283 sal-1410. Jiġifieri l-Maltin minn dejjem ta' dejjem riedu l-ilsien Malti bħala l-ilsien nazzjonali tal-gżejjer Maltin. Imma l-interessi Sqallin u Taljani f'Malta żammew milli jsir dan għax il-Knisja Maltija kienet immexxija mid-djoċesi ta' Palermo u ħafna qassisin Sqallin kienu jieħdu ħafna flus minn Malta. Il-qassisin Maltin kienu jieħdu l-għadma waqt li dawk Sqallin kienu jieħdu l-laħma – il-benefiċċji t-tajba. Jiġifieri l-qawmien tal-ilsien Malti ma bediex fi żmien Agius de Soldanis u Mikiel Anton Vassalli. Kien ilu ġej minn żmien l-Aragoniżi. Mir-raħħala Maltin.

CHARLES MICALLEF,
is-Siġġiewi

**NOTA**

Jekk jista' jkun l-ittri lill-Editur għandhom ikunu qosra